

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 2



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

4 ta' Jannar 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/3 tat-3 ta' Jannar 2023 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2019/1781 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti ⁽¹⁾ 1**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/4 tat-3 ta' Jannar 2023 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 ⁽¹⁾ 3**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/5 tat-3 ta' Jannar 2023 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 ⁽¹⁾ 9**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/6 tat-3 ta' Jannar 2023 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* (faqqiegħ Shiitake) bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽¹⁾ 16**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/7 tat-3 ta' Jannar 2023 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Latto-N-tetraożju prodott minn razze derivattivi tal-*Escherichia coli* BL21 (DE3) bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 ⁽¹⁾ 21**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/8 tat-3 ta' Jannar 2023 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 868/2011, (UE) Nru 1111/2011 u (UE) Nru 227/2012 ⁽¹⁾ 28**

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/9 tal-20 ta' Diċembru 2022 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri** (*notifikata bid-dokument C(2022) 9934*) ⁽¹⁾ 34

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/10 tal-20 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2333 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fi Spanja** (*notifikata bid-dokument C(2022) 9947*) ⁽¹⁾ 126

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/3

tat-3 ta' Jannar 2023

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2019/1781 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi minghajn tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi minghajn tqalfit integrati fi prodotti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1781 ⁽²⁾ fiha żbalji fil-Premessa 7, it-tieni sentenza u fl-Artikolu 3(7) meta ssir referenza għall-grilja, u fl-Artikolu 2(1)(a)(v) fir-rigward tat-tħaddim dirett online ta' ċerti prodotti.
- (2) Għalhekk, il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2019/1781 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija)

⁽¹⁾ ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1781 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi minghajn tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi minghajn tqalfit integrati fi prodotti u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 74).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/4**tat-3 ta' Jannar 2023****li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001⁽¹⁾, u b'mod partikolari, l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470⁽²⁾ stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.
- (3) Fil-21 ta' Frar 2020, il-kumpanija Monterey Mushrooms Inc ("l-applikant") ippreżentat applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid. L-applikant talab li t-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ jintuża f'għadd ta' ikel maħsub għall-popolazzjoni ġenerali. L-applikant talab ukoll li l-ikel ġdid jintuża fis-supplimenti tal-ikel għat-trabi minn 7 sa 11-il xahar, kif ukoll f'supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾, minbarra ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi, u sostitut tad-dieta għall-kontroll tal-piż kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013. Matul il-proċess tal-applikazzjoni, l-applikant irtira t-talba għall-awtorizzazzjoni tal-ikel ġdid fis-supplimenti tal-ikel għat-trabi minn 7 sa 11-il xahar.
- (4) Fil-21 ta' Frar 2020, l-applikant għamel talba wkoll lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-data proprjetarja għal għadd ta' data oriġinali mressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri, data dwar l-identità tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂⁽⁵⁾, ċertifikati tal-analiżi u data tal-lottijiet⁽⁶⁾, ir-rapporti tal-istabbiltà⁽⁷⁾, u r-rapport dwar il-valutazzjoni tat-teħid⁽⁸⁾.
- (5) Fil-5 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") twestaq valutazzjoni tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ bħala ikel ġdid.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

⁽⁵⁾ Annex I Identity of High Vitamin D2 Mushroom Powder.

⁽⁶⁾ Annex II Certificates of Analysis and Batch Data.

⁽⁷⁾ Annex III Stability Reports.

⁽⁸⁾ Annex V Intakes Assessment Report.

- (6) Fis-26 ta' April 2022, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha dwar "Safety of vitamin D₂ mushroom powder as a Novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283 (NF 2019/1471)" ⁽⁹⁾ f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (7) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li t-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ huwa sikur fl-użi u fil-livelli tal-użu proposti. Għalhekk, dik l-opinjoni xjentifika tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li t-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ skont il-kundizzjonijiet tal-użu vvalutati jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tqegħid tiegħu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (8) Jenħtieġ li jiġi previst rekwiżit ta' tikkettar sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati kif xieraq li jenħtieġ li t-trabi u t-tfal taħt it-3 snin ma jikkunsmawx supplimenti tal-ikel li fihom it-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂.
- (9) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità nnutat ukoll li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid kienet ibbażata fuq *data* xjentifika dwar l-identità tal-ikel ġdid, informazzjoni dwar l-analiżi tal-lottijiet, iċ-ċertifikati tal-analiżi rispettivi u l-istudji tal-istabbiltà li mingħajrhom ma setgħetx tivvaluta l-ikel ġdid u tasal għall-konklużjoni tagħha.
- (10) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni li kien ipprova għall-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq dik id-*data*, u talbitu jiċċara t-talba tiegħu li jkollu d-dritt esklużiv li jirreferi għal dik id-*data*, kif meħtieġ skont l-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (11) L-applikant iddikjara li kellu drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għad-*data* xjentifika dwar l-identità tal-ikel ġdid, informazzjoni dwar l-analiżi tal-lottijiet, iċ-ċertifikati tal-analiżi rispettivi u l-istudji tal-istabbiltà fiż-żmien li ppreżenta l-applikazzjoni.
- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha mogħtija mill-applikant u qieset li kien issostanzja biżżejjed it-tweqqif tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, id-*data* xjentifika dwar l-identità tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ ⁽¹⁰⁾, iċ-ċertifikati tal-analiżi u d-*data* tal-lottijiet ⁽¹¹⁾ u r-rapporti ta' stabbiltà ⁽¹²⁾ jenħtieġ li jiġu protetti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed it-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ fis-suq fl-Unjoni matul perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (13) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ u tar-referenza għad-*data* xjentifika fil-fajl tal-applikant għall-użu tiegħu biss ma twaqqafx lil applikanti sussegwenti milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, dment li l-applikazzjoni tagħhom tissegjes fuq informazzjoni miksuba legalment li tappoġġa tali awtorizzazzjoni.
- (14) Jixraq li l-inklużjoni tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ bħala ikel ġdid fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid ikun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (15) Jenħtieġ li t-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ jiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽⁹⁾ EFSA Journal 2022;20(6):7326.

⁽¹⁰⁾ Annex I Identity of High Vitamin D2 Mushroom Powder.

⁽¹¹⁾ Annex II Certificates of Analysis and Batch Data.

⁽¹²⁾ Annex III Stability Reports.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. It-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ huwa awtorizzat li jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

It-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂ għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kumpanija Monterey Mushrooms Inc ⁽¹³⁾ biss hija awtorizzata li tqiegħed fis-suq fl-Unjoni l-ikel il-ġdid imsemmi fl-Artikolu 1, għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Jannar 2023, sakemm l-applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għad-data xjentifika protetta skont l-Artikolu 3 jew bi ftehim ma' Monterey Mushrooms Inc.

Artikolu 3

Id-data xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283 ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr qbil ma' Monterey Mushrooms Inc.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹³⁾ Indirizz: 260 Westgate Drive Watsonville, CA 95076, l-Istati Uniti.

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-data
“Trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D₂	<i>Kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi ta' vitamina D₂ (µg/100 g jew 100 ml)</i>	1. Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel, għandha tkun “Trab tal-faqqiegħ trattat bil-UV li fih il-vitamina D ₂ ” 2. It-tikkettar tas-supplimenti tal-ikel li fihom it-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D ₂ jenħtieġ li jkollu stqarrija li ma għandhomx jiġu kkunsmati minn trabi u tfa' taħt it-3 snin.		Awtorizzat nhar l-24 ta' Jannar 2023. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika u data xjentifika proprjetarja protetti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283. Applikant: Monterey Mushrooms Inc, 260 Westgate Drive Watsonville, CA 95076, l-Istati Uniti. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-data, l-ikel ġdid tat-trab tal-faqqiegħ li fih il-vitamina D ₂ huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni biss minn Monterey Mushrooms Inc, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad-data xjentifika proprjetarji protetti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi ftehim ma' Monterey Mushrooms Inc. Id-data ta' tmien il-protezzjoni tad-data: l-24 ta' Jannar 2028”
	Analogi tal-ħalib	1,1			
	Analogi tal-ħalib għajr il-ħalib	2,2			
	Ċereali tal-kolazzjon/bars taċ-ċereali	2,2			
	Sopop	2,2			
	Sopop imnixxfa	22,5			
	Trab tax-xorrox	14,1			
	Meraq u nektars tal-frott u tal-ħaxix	1,1			
	Trab tal-meraq tal-frott/ħaxix	12,4			
	Konċentrat tal-frott u tal-ħaxix (likwidu)	3,4			
	Soft drinks ikkummerċjalizzati b'rabta mal-eżerċizzju fiżiku u xarbieth mhux alkoħoliċi ffermentati (bl-esklużjoni ta' xarbieth tal-ħalib iffermentati)	1,1			
	Ikel għal Skopijiet Mediċi Speċjali kif definit skont ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 għajr daww maħsuba għat-trabi	F'konformità mal-bżonnijiet nutrittivi partikolari tal-persuni li għalihom huma maħsuba l-prodotti iżda mhux aktar minn 15 µg kuljum			

	Sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	15 µg kuljum			
	Sostituti ta' ikliet għall-kontroll tal-piż	5 µg/ikla			
	Supplimenti tal-ikel kif iddefinit fid-Direttiva 2002/46/KE, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar	15 µg kuljum			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
"Trab tal-faqiegh li fih il-vitamina D₂	Deskrizzjoni/Definizzjoni: L-ikel ġdid huwa prodott permezz tal-esponiment ikkontrollat tal-faqiegh <i>Agaricus bisporus</i> imfettet/imqatta' f'kubi għall-irradjazzjoni UV segwit minn deidratazzjoni u tħin fi trab. Radjazzjoni tal-UV: Proċess ta' radjazzjoni bid-dawl ultravjola f'medda ta' tul tal-mewġa simili għall-ikel ġdid trattat bil-UV awtorizzat skont ir-Regolament (UE) 2015/2283. Karatteristiċi/Kompożizzjoni: Kontenut tal-Vitamina D₂: 125–375 µg/g Indewwa: ≤ 7 % Irmied: ≤ 13,5 % Attività tal-ilma: < 0,5 Xaħam: ≤ 4,5 % Total ta' karboidrati: ≤ 60 % Proteini: ≤ 40 % Metalli tqal: Ċomb: ≤ 0,5 mg/kg Kadmju: ≤ 0,5 mg/kg Merkurju: ≤ 0,1 mg/kg Arseniku: ≤ 0,3 mg/kg Mikotossini: Aflatossina B1: ≤ 2 µg/kg Aflatossini (is-somma ta' B1+B2+G1+G2): < 4 µg/kg Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd totali ta' mikrobi aerobiċi: ≤ 5 000 CFU/g Għadd ta' ħmira u moffa totali: < 100 UJK/g Koliformi: < 100 MPN/g

	<i>Salmonella</i> spp.: Assenza f'25 g <i>Staphylococcus aureus</i> : Assenza f'10 g <i>Escherichia coli</i> : Assenza f'10 g <i>Listeria monocytogenes</i> : Assenza f'25 g CFU: colony forming units (unitajiet li jiffirmaw kolonja). MPN: most probable number (in-numru l-aktar probabbli).”
--	---

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/5

tat-3 ta' Jannar 2023

li jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾ stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.
- (3) Fl-24 ta' Lulju 2019, il-kumpanija Cricket One Co. Ltd ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid. L-applikazzjoni talbet biex trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam jintuża f'ħobż u bziezen b'diversi qmuħ, crackers u grissini, bars taċ-ċereali, taħlitiet nexfin lesti minn qabel għal prodotti moħmija, gallettini, prodotti bbażati fuq l-għaġin nexfin lesti minn qabel mimlijin jew mhux mimlijin, zlazi, prodotti pproċessati tal-patata, platti bbażati fuq il-legumi u fuq il-ħaxix, pizza, prodotti bbażati fuq l-għaġin, trab tax-xorrox, analogi tal-laħam, sopop u koncentriati jew trabijiet tas-soppa, snacks ibbażati fuq id-dqiq tal-qamħirrum, xarbiet simili għall-birra, ħelu taċ-ċikkulata, ġewż u żrieragħ taż-żejt, snacks għajr għall-krips, u preparazzjonijiet tal-laħam, maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali.
- (4) Fl-24 ta' Lulju 2019, l-applikant għamel ukoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-istudji u tad-*data* xjentifiċi proprjetarji mressqa b'appoġġ tal-applikazzjoni, jiġifieri deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni ⁽³⁾; riżultati tal-analiżijiet prossimi ⁽⁴⁾; *data* analitika dwar il-kontaminanti ⁽⁵⁾; riżultati tal-istudji dwar l-istabbiltà ⁽⁶⁾; *data* analitika dwar il-parametri mikrobijoloġiċi ⁽⁷⁾; u riżultati tal-istudji tad-diġestibilità tal-proteina ⁽⁸⁾.
- (5) Fit-8 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") twettaq valutazzjoni tat-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam bħala ikel ġdid.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽³⁾ Cricket One CO. 2019, 2020 and 2021 (mhux pubblikat).

⁽⁴⁾ Cricket One CO. 2019, 2020 and 2021 (mhux pubblikat).

⁽⁵⁾ Cricket One CO. 2018, 2019, 2020 and 2021 (mhux pubblikat).

⁽⁶⁾ Cricket One CO. 2020 (mhux pubblikat).

⁽⁷⁾ Cricket One CO. 2018, 2019, 2020 and 2021 (mhux pubblikat).

⁽⁸⁾ Cricket One CO. 2019, 2020 and 2021 (mhux pubblikat).

- (6) Fit-23 ta' Marzu 2022, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha "Safety of partially defatted whole *Acheta domesticus* (house cricket) powder as a novel food pursuant to Regulation (EU) 2015/2283" ⁽⁹⁾ f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (7) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li t-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam huwa sikur skont il-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu proposti. Għalhekk, dik l-opinjoni xjentifika tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li t-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam meta jintuża f'ħobż u bziezen b'diversi qmuħ, crackers u grissini, bars taċ-ċereali, taħlitiet nexfin lesti minn qabel għal prodotti moħmija, gallettini, prodotti bbażati fuq l-għaġin nexfin lesti minn qabel mimlijin jew mhux mimlijin, zlazi, prodotti pproċessati tal-patata, platti bbażati fuq il-legumi u fuq il-ħaxix, pizza, prodotti bbażati fuq l-għaġin, trab tax-xorrox, analogi tal-laħam, sopop u konċentrati jew trabijiet tas-soppa, snacks ibbażati fuq id-dqiq tal-qamħirrum, xarbiet simili għall-birra, ħelu taċ-ċikkulata, ġewż u żrieragħ taż-żejt, snacks għajr għall-krips, u preparazzjonijiet tal-laħam, maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali, jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tqegħid tiegħu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (8) Abbażi ta' evidenza limitata ppubblikata dwar l-allerġiji tal-ikel relatati mal-insetti b'mod ġenerali, li rabtet b'mod ekwivoku l-konsum tal- *Acheta domesticus* ma' għadd ta' eventi tal-anafilassi, u abbażi ta' evidenza li turi li l-*Acheta domesticus* fih għadd ta' proteini potenzjalment allerġeniċi, l-Awtorità fl-opinjoni kkonkludiet ukoll li l-konsum ta' dan l-ikel għad jista' jikkawża s-sensitizzazzjoni għall-proteini tal- *Acheta domesticus*. L-Awtorità rrakkomandat li titwettag aktar riċerka dwar l-allerġeniċità tal-*Acheta domesticus*.
- (9) Sabiex tindirizza r-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni bħalissa qed tesplora l-modi biex twettaq ir-riċerka meħtieġa dwar l-allerġeniċità tal-*Acheta domesticus*. Sakemm id-*data* ġġenerata mir-riċerka tiġi vvalutata mill-Awtorità, u meta jitqies li, sal-lum, l-evidenza li torbot direttament il-konsum tal-*Acheta domesticus* ma' każijiet ta' sensitizzazzjoni primarja u allerġiji hija inkonklużiva, il-Kummissjoni tqis li ma jenħtieġx jiġi inkluż l-ebda rekwiżit ta' tikkettar speċifiku li jikkonċerna l-potenzjal tal-*Acheta domesticus* li jikkawża sensitizzazzjoni primarja fil-lista tal-Unjoni ta' ikel għad awtorizzat.
- (10) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità qieset ukoll li l-konsum ta' trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi f'persuni li huma allerġiċi għall-krustaċji, għall-molluski u għall-akari tat-trab. Barra minn hekk, l-Awtorità nnutat li jista' jkun hemm allerġeni addizzjonali li jispiċċaw fl-ikel għad, jekk tali allerġeni jkunu preżenti fis-substrat mitmugħ lill-insetti. Għalhekk, jixraq li l-ikel li fih trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam ikun ittikkettat kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (11) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità nnotat ukoll li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tat-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam kienet ibbażata fuq l-istudji u d-*data* xjentifiċi dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni; ir-riżultati tal-analiżijiet prossimi; id-*data* analitika dwar il-kontaminanti; ir-riżultati tal-istudji dwar l-istabbiltà; id-*data* analitika dwar il-parametri mikrobijoloġiċi; u r-riżultati tal-istudji dwar id-diġestibbiltà tal-proteini, li mingħajrhom ma setgħetx tivvaluta l-ikel għad u tasal għall-konklużjoni tagħha.
- (12) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant biex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq daww l-istudji u d-*data* xjentifiċi u biex jiċċara t-talba tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għalihom f'konformità mal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (13) L-applikant iddikjara li kellu drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għall-istudji u għad-*data* xjentifiċi dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess ta' produzzjoni; ir-riżultati tal-analiżijiet prossimi; id-*data* analitika dwar il-kontaminanti; ir-riżultati tal-istudji dwar l-istabbiltà; id-*data* analitika dwar il-parametri mikrobijoloġiċi; u r-riżultati tal-istudji dwar id-diġestibbiltà tal-proteini, skont il-liġi nazzjonali fiż-żmien li ressqu l-applikazzjoni u li l-partijiet terzi ma jistgħux jaċċessaw, jużaw jew jirreferu b'mod legali għal dik id-*data* u l-istudji.

⁽⁹⁾ EFSA Journal 2022;20(5):7258.

- (14) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha mogħtija mill-applikant u qieset li kien issostanzja biżżejjed it-tweġġ tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, jenħtieġ li l-istudji u d-*data* xjentifiċi dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess ta' produzzjoni; ir-riżultati tal-analiżijiet prossimi, id-*data* analitika dwar il-kontaminanti; ir-riżultati tal-istudji dwar l-istabbiltà; id-*data* analitika dwar il-parametri mikrobijoloġiċi; u r-riżultati tal-istudji dwar id-diġestibbiltà tal-proteini, jiġu protetti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam fis-suq fl-Unjoni matul perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (15) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam, u tar-referenza għall-istudji u għad-*data* xjentifiċi li jinsabu fil-fajl tal-applikant għall-użu tiegħu biss ma twaqqafx lil applikanti sussegwenti milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, dment li l-applikazzjoni tagħhom tissegjes fuq informazzjoni miksuba legalment li tappoġġa t-tali awtorizzazzjoni.
- (16) Jenħtieġ li t-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam jiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) It-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam huwa awtorizzat li jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

It-trab tal-*Acheta domesticus* (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

- (2) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kumpanija Cricket One Co. Ltd ⁽¹⁰⁾ biss hija awtorizzata li tqiegħed fis-suq tal-Unjoni l-ikel il-ġdid imsemmi fl-Artikolu 1, għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Jannar 2023, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għad-*data* xjentifika protetta skont l-Artikolu 3 jew bi ftehim ma' Cricket One Co. Ltd.

Artikolu 3

Id-*data* xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283 ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr qbil ma' Cricket One Co. Ltd.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁰⁾ Cricket One Co. Ltd 383/3/51 Quang Trung Street, Ward 10, Go Vap district, Ho Chi Minh City, Il-Vjetnam.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġeja:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-data
“Trab tal-Acheta domesticus (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam	Kategorija tal-ikel speċifikat	Livelli massimi (g/100 g) (kummerċjaliz-zati bħala tali jew rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet)	1. Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun “ <i>Acheta domesticus</i> (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam”.		Awtorizzat nhar l-24.1.2023. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza u <i>data</i> xjentifiċi proprjetarji protetti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
	Ħobż u bziezen b'diversi qmuħ; crackers u grissini	2	2. It-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom l- <i>Acheta domesticus</i> (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam għandu jkollu dikjarazzjoni li dan l-ingredjent jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi lill-konsumaturi b'allerġiji magħrufa għall-krustaċji, għall-molluski u għall-prodotti tagħhom, kif ukoll għall-akari tat-trab.		Applikant: “Cricket One Co. Ltd”, 383/3/51 Quang Trung street, Ward 10, Go Vap district, Ho Chi Minh City, il-Vjetnam.
	Bars taċ-ċereali	3			Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad- <i>data</i> , l-ikel ġdid <i>Acheta domesticus</i> (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam ikun awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn “Cricket One Co. Ltd” biss, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad- <i>data</i> xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi ftehim ma' “Cricket One Co. Ltd”.
	Taħlitiet lesti minn qabel għal prodotti moħmija (niexfa)	3			Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad- <i>data</i> : 24.1.2028.”
	Gallettini	1,5	Din id-dikjarazzjoni għandha tkun qrib il-lista tal-ingredjenti.		
	Prodotti bbażati fuq l-għaġin (niexef)	0,25			
	Prodotti bbażati fuq l-għaġin mimli (niexef)	3			
	Zlazi	1			
	Prodotti tal-patata pproċessati, platti bbażati fuq il-legumi u fuq il-ħaxix, pizza, platti bbażati fuq l-għaġin	1			
	Trab tax-xorrox	3			

Analogi tal-laħam	5			
Sopop u koncentratu jew tat-trab tas-sopop	1			
Snacks magħmulin mid-dqiq tal-qamħirrum	4			
Xorb li jixbah lill-birer	0,1			
Ħelu taċ-ċikkulata	2			
Ġewż u żrieragħ taż-żejt	2			
Snacks għajr għall-krips	5			
Preparazzjonijiet tal-laħam	2			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
“Trab tal-<i>Acheta domesticus</i> (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam	Deskrizzjoni/Definizzjoni: L-ikel ġdid huwa trab tal- <i>Acheta domesticus</i> (grillu tad-djar) bi tneħħija parzjali tax-xaħam wara serje ta' passi li jinvolvu perjodu ta' sawm ta' 24 siegħa tal-insetti biex ikunu jistgħu jbattlu msarinhom, il-qtil tal-insetti permezz tal-iffriżar, il-ħasil, l-ipproċessar termali, it-tnixxif, l-estrazzjoni taż-żejt (estrużjoni mekkanika), u t-tħin.
	Karatteristiċi/Kompożizzjoni: Proteina mhux raffinata ($N \times 6,25$) (% w/w): 74,0 – 78,0 Xaħam (% w/w): 9,0 – 12,0 Indewwa (% w/w): 3,0 – 6,0 Fibra mhux raffinata (% w/w): 8,0 – 10,0 Kitina (*) (% w/w): 4,0 – 8,5 Irmied (% w/w): $\leq 5,6$ Valur tal-perossidu (Meq O_2 /kg xaħam): $\leq 5,0$ Manganiż: $\leq 100,0$ mg/kg Ċjanur: $\leq 5,0$ mg/kg

Metalli tqal:Ċomb: $\leq 0,1$ mg/kgKadmju: $\leq 0,025$ mg/kg**Mikotossini:**Aflatossini (Is-somma ta' B1, B2, G1, G2): $\leq 0,4$ µg/kgDeossinivalenol: $\leq 200,0$ µg/kgOkratossina A: $\leq 1,0$ µg/kg**Diossini u PCBs simili għad-diossini:**Is-somma tad-diossini u tal-PCBs simili għad-diossini UB, ((**)WHO₂₀₀₅ PCDD/F-PCB-TEF): $\leq 1,25$ pg/g xaħam**Kriterji mikrobijoloġiċi:**Għadd totali ta' mikrobi aerobiċi: $\leq 10^5$ CFU/gHmira u moffa: ≤ 100 CFU/g*Escherichia coli*: ≤ 50 CFU/g*Salmonella* spp.: Mhux individwata f'25 g*Listeria monocytogenes*: Mhux individwata f'25 g*Bacillus cereus* (test preżuntiv): ≤ 100 CFU/gEnterobacteriaceae (test preżuntiv): < 100 CFU/g*Staphylococci* Koagulażi-pożittivi: ≤ 100 CFU/g

(*) Il-kitina kkalkulata bħala d-differenza bejn il-frazzjoni tal-Fibra tad-Deterġenti tal-Aċidu u l-frazzjoni ta' Lignin tad-Deterġenti tal-Aċidu (ADF-ADL), kif deskritt minn Hahn et al. (2018).

(**) Is-somma ta' livell superjuri tal-poliklorodibenżo-para-diossini (PCDDs)-poliklorodibenżofurani (PCDFs) u tal-poliklorobifenili simili għad-diossini (PCB) espressa bħala l-Fatturi tal-Ekwivalenti Tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (bl-użu tal-WHO-TEF tal-2005)).

CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li jiffurmaw kolonji)."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/6

tat-3 ta' Jannar 2023

li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miceli tal-*Lentinula edodes* (faqqiegħ Shiitake) bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari, l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾ stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.
- (3) Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-kumpanija MycoTechnology, Inc. ("l-applikant") ippreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed fis-suq tal-Unjoni l-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miceli tal-*Lentinula edodes* (faqqiegħ Shiitake) bħala ikel ġdid. L-applikant talab li l-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati jintużaw fil-prodotti tal-forn, fil-ħobż, fil-bziezen, fil-croustons, fil-pizez, fiċ-ċereali tal-kolazzjon, fil-bars taċ-ċereali, fix-xarbiet ibbażati fuq il-frott u l-ħaxix, fit-trab tax-xorb lest biex jitħallat, fil-ħelu tal-kawkaw u taċ-ċikkulata, fl-analogi tal-prodotti tal-ħalib u fis-sostituti tal-ikket mingħajr prodotti tal-ħalib għall-kontroll tal-piż, fil-prodotti b'bażi ta' ħalib iffermentat, fil-prodotti b'bażi ta' għaġin, fil-preparazzjonijiet tal-laħam u fil-prodotti tal-laħam, fis-sopop (lesti biex jittieklju) u fil-konċentrati jew it-trabijiet tas-sopop, fl-insalati, fl-analogi tal-laħam, fix-xarbiet ibbażati fuq il-ħalib, u fis-sostituti ta' ikla sħiħa għall-kontroll tal-piż, maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali.
- (4) Fit-12 ta' Diċembru 2019, l-applikant għamel ukoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' studji xjentifiċi u data proprjetarji ppreżentati b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri, id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni ⁽³⁾ u l-analiżijiet tal-kompożizzjoni tal-ikel ġdid ⁽⁴⁾.
- (5) Fit-22 ta' April 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex twettaq valutazzjoni tal-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miceli tal-*Lentinula edodes* (faqqiegħ Shiitake) bħala ikel ġdid.
- (6) Fit-28 ta' Frar 2022, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha "Safety of pea and rice protein fermented by Shiitake (*Lentinula edodes*) mycelia as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" ⁽⁵⁾ f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽³⁾ MycoTechnology, Inc. (2020, mhux ippubblikat).

⁽⁴⁾ MycoTechnology, Inc. (2020 u 2021, mhux ippubblikat).

⁽⁵⁾ EFSA Journal 2022;20(4):7205.

- (7) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li l-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* (faqiegh Shiitake) huma sikuri fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti. Għalhekk, dik l-opinjoni xjentifika tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati, meta jintużaw fil-prodotti tal-forn, fil-ħobż, fil-bziezen, fil-croustons, fil-pizez, fiċ-ċereali tal-kolazzjon, fil-bars taċ-ċereali, fix-xarbiet ibbażati fuq il-frott u l-ħaxix, fit-trab tax-xorb lest biex jitħallat, fil-ħelu tal-kawkaw u taċ-ċikkulata, fl-analogi tal-prodotti tal-ħalib u fis-sostituti tal-ikliet mingħajr prodotti tal-ħalib għall-kontroll tal-piż, fil-prodotti b'bażi ta' ħalib iffermentat, fil-prodotti b'bażi ta' għaġin, fil-preparazzjonijiet tal-laħam u fil-prodotti tal-laħam, fis-sopop (lesti biex jittiekle) u fil-konċentrati jew it-trabijiet tas-sopop, fl-insalati, fl-analogi tal-laħam, fix-xarbiet ibbażati fuq il-ħalib, u fis-sostituti ta' ikla sħiħa għall-kontroll tal-piż, maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali, jissodisfaw il-kundizzjonijiet għat-tqegħid tagħhom fis-suq f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (8) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità nnotat ukoll li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid kienet ibbażata fuq l-istudji xjentifiċi u fuq id-*data* mid-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni u mill-analizzjiet tal-kompożizzjoni tal-ikel ġdid, li jinsabu fil-fajl tal-applikant, u li mingħajrhom ma setgħetx tivvaluta l-ikel ġdid u tasal għall-konklużjoni tagħha.
- (9) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq daww l-istudji xjentifiċi u d-*data* u biex jiċċara t-talba tiegħu li jkollu d-dritt esklużiv ta' referenza għalihom f'konformità mal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (10) L-applikant iddikjara li kellu drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għall-istudji xjentifiċi u għad-*data* dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni u l-analizzjiet tal-kompożizzjoni tal-ikel ġdid fiż-żmien li ppreżenta l-applikazzjoni u li l-partijiet terzi ma jistgħux jaċċessaw, jużaw jew jirreferu b'mod legali għal dik id-*data*.
- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant u qieset li kien issostanzja biżżejjed l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, l-istudji xjentifiċi u d-*data* dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni u l-analizzjiet tal-kompożizzjoni tal-ikel ġdid jenħtieġ li jiġu protetti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed il-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* fis-suq fl-Unjoni matul perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (12) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-ikel ġdid u tar-referenza għall-istudji xjentifiċi u għad-*data* fil-fajl tal-applikant għall-użu tiegħu, biss ma twaqqafx lil applikanti sussegwenti milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, dment li l-applikazzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq informazzjoni miksuba legalment li tappoġġa t-tali awtorizzazzjoni.
- (13) Għalhekk jixraq li l-inklużjoni tal-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* (faqiegh Shiitake) bħala ikel ġdid fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid ikun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (14) Il-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* jenħtieġ li jiġu inklużu fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) Il-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* (faqiegh Shiitake) huma awtorizzati biex jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni.

Il-proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-*Lentinula edodes* (faqiegh Shiitake) għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

(2) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kumpanija MycoTechnology, Inc ⁽⁶⁾. biss hija awtorizzata li tqiegħed fis-suq tal-Unjoni l-ikel il-ġdid imsemmi fl-Artikolu 1, għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Jannar 2023, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għad-*data* xjentifika protetta skont l-Artikolu 3 jew bi qbil ma' MycoTechnology, Inc.

Artikolu 3

Id-*data* xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283 ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' applikanti sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr qbil ma' MycoTechnology, Inc..

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽⁶⁾ Indirizz: 18250 E. 40th Avenue, Suite 50, Aurora, 80011 Colorado, l-Istati Uniti.

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"Ikel ġdid awtorizzat"	Kundizzjonijiet fejn jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar speċifiku	Rekwiżiti oħra	Protezzjoni tad-Data
Proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-Lentinula edodes (faqqiegħ Shiitake)	<i>Kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi</i>	Id-deżinjazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikketti tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "Proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-faqqiegħ Shiitake".		Awtorizzat nhar l-24.1.2023. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq <i>data</i> xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283. Applikant: MycoTechnology, Inc., 18250 E. 40th Avenue, Suite 50, Aurora, 80011 Colorado, l-Istati Uniti. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-<i>data</i>, l-ikel ġdid "proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-Lentinula edodes (faqqiegħ Shiitake)" huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni biss minn MycoTechnology, Inc., sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għad-<i>data</i> xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi qbil ma' MycoTechnology, Inc.. Id-<i>data</i> ta' tmien il-protezzjoni tad-<i>data</i>: 24.1.2028"
	Prodotti tal-forn, ħobż, bziezen, croutons, pizza	5 g/100 g			
	Ċereali tal-kolazzjon/bars taċ-ċereali	33 g/100 g			
	Xarbiet magħmulin mill-frott u mill-ħaxix	20 g/100 ml			
	Trabijiet tax-xorb lesti biex jitħalltu	93 g/100 g			
	Ħelu tal-kawkaw u taċ-ċikkulata	7 g/100 g			
	Analogi tal-ħalib u sostituti tal-ikel mhux tal-ħalib għall-kontroll tal-piż	11 g/100 g			
	Prodotti tal-ħalib iffermentat	5 g/100 g			
	Prodotti bbażati fuq l-għaġin	15 g/100 g			
	Preprazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam	14 g/100 g			
	Sopop (leste biex jittieklju) u konċentrati jew trabijiet tas-soppa	3 g/100 g			
	Insalati	26 g/100 g			
	Analogi tal-laħam	40 g/100 g			
	Xarbiet magħmulin mill-ħalib	1 g/100 g			
	Sostituti ta' ikliet għall-kontroll tal-piż	1 g/100 g			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika:

"Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjoni
Proteini tal-piżelli u tar-ross iffermentati bil-miċeli tal-Lentinula edodes (faqqiegħ Shiitake)	Deskrizzjoni: L-ikel ġdid huwa prodott mill-fermentazzjoni ta' taħlita ta' 65 % konċentrat tal-proteini tal-piżelli u 35 % konċentrat tal-proteini tar-ross bil-miċeli tal-faqqiegħ Shiitake (<i>Lentinula edodes</i>) segwita minn trattament bis-sħana biex tintemm il-fermentazzjoni u serje ta' passi ta' tnixxif biex jiġi ffurmat trab. Karatteristiċi/Kompożizzjoni: Proteina (% tal-piż xott, N x 6,25): ≥ 75,0 Indewwa: ≤ 7,0 Xaħam totali (% tal-piż xott): ≤ 10,0 Irmied (% piż tal-piż niexef): ≤ 10,0 Karboidrati (% skont il-kalkolu): ≤ 15,0 Mikotossini: Aflatossina B1 (µg/kg) < 1,0 Aflatossina B2 (µg/kg) < 1,0 Aflatossina G1 (µg/kg) < 1,0 Aflatossina G2 (µg/kg) < 1,0 Total tal-aflatossini (B1+B2+G1+G2) (µg/kg): < 3,0 Metalli tqal: Arseniku (µg/g): < 0,1 Kadmju (µg/g): < 0,1 Ċomb (µg/g): < 0,3 Merkurju (µg/g): < 0,1 Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd totali ta' mikrobi aerobiċi: < 1 000 CFU/g Għadd totali ta' ħmira/moffa: < 100 CFU/g Koliformi: ≤ 10 CFU/g <i>Salmonella</i> spp.: Assenti f'25 g <i>Escherichia coli</i>: < 10 CFU/g <i>Listeria monocytogenes</i>: Assenti f'25 g *CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li jiffurmaw kolonji)"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/7**tat-3 ta' Jannar 2023****li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Latto-N-tetraożju prodott minn razez derivattivi tal-*Escherichia coli* BL21 (DE3) bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari, l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾ stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/484 ⁽³⁾ awtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni tal-Latto-N-tetraożju miksub mill-fermentazzjoni mikrobjali bl-użu tar-razza modifikata ġenetikament K12 DH1 tal-*Escherichia coli* ("*E. coli*") bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (4) Fit-22 ta' Mejju 2020, il-kumpanija Chr. Hansen A/S ("l-applikant") ressqet applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed fuq is-suq tal-Unjoni l-latto-N-tetraożju ("LNT"), miksub permezz tal-fermentazzjoni mikrobjali bl-użu ta' żewġ razez ġenetikament modifikati (razza tal-produzzjoni u razza fakultattiva ta' degradazzjoni) derivati mir-razza ospitani *E. coli* BL21(DE3), bħala ikel ġdid. L-applikant talab li l-LNT jintuża fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, f'ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar u f'ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, f'ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 minbarra ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, f'xorb ibbażat fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar, u f'supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali. L-applikant ippropona wkoll li jenħtieġ li s-supplimenti tal-ikel li fihom l-LNT ma jintużawx jekk fl-istess ġurnata jiġu kkunsmati l-ħalib tas-sider, li fih l-LNT b'mod naturali, u/jew ikel ieħor li jkun miżjud bl-LNT. Sussegwentement, fis-17 ta' Ġunju 2022, l-applikant immodifika t-talba inizjali fl-applikazzjoni dwar l-użu tal-LNT fis-supplimenti tal-ikel biex jeskludi t-trabi u t-tfal żgħar.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/484 tat-2 ta' April 2020 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Latto-N-tetraożju bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 103, 3.4.2020, p. 3).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

- (5) Fit-22 ta' Mejju 2020, l-applikant għamel ukoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' studji xjentifiċi u *data* proprjetarji għal għadd ta' studji mressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri, validazzjoni tal-metodu tal-ispettrometrija tal-massa ("MS"), tar-risonanza manjetika nukleari ("NMR") u tal-kromatografija tal-iskambju tal-anjoni b'detezzjoni amperometrika bl-impulsi ("HPAEC-PAD") u r-riżultati għad-determinazzjoni tal-identità tal-LNT u tal-prodotti sekondarji li huma karboidrati (il-latto-N-triożju II ("LNT2"), il-para-latto-N-eżaożju ("pLNH"), il-lattożju, u l-glukożju/galattożju) li jinsabu fl-ikel ġdid ⁽⁶⁾, deskrizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produttazzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-latto-N-neotetraożju ("LNnT") ⁽⁷⁾, ċertifikati ta' depożitu tar-razez ġenetikament modifikati tal-produttazzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT ⁽⁸⁾, sistema ta' reazzjoni katina bil-polimerażi f'linja reali ("qPCR") u rapporti ta' validazzjoni tal-metodu għar-razez ġenetikament modifikati tal-produttazzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT ⁽⁹⁾, test reversiv tal-mutazzjoni batterika bl-LNT ⁽¹⁰⁾, test *in vitro* tal-mikronukleu taċċelloli tal-mammiferi bl-LNT ⁽¹¹⁾, studju dwar it-tossiċità orali għad-determinazzjoni tal-firxa tad-doża ta' 7 ijiem fil-firien bl-LNT ⁽¹²⁾, u studju tat-tossiċità orali ta' 90 jum fil-firien bl-LNT ⁽¹³⁾.
- (6) Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex twettaq valutazzjoni tal-LNT miksuba mill-fermentazzjoni mikrobjali bl-użu ta' żewġ razzi ġenetikament modifikati (razza tal-produttazzjoni u razza tad-degradazzjoni fakultattiva) derivati mir-razza ospitanti *Escherichia coli* ("E. coli") BL21 (DE3), bħala ikel ġdid, f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (7) Fit-23 ta' Marzu 2022, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha "Safety of lacto-N-tetraose (LNT) produced by derivative strains of *Escherichia coli* BL21(DE3) as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" ⁽¹⁴⁾ f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (8) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li l-LNT huwa sikur skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti għall-popolazzjonijiet fil-mira li ġew proposti. Għalhekk, dik l-opinjoni xjentifika tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-LNT, meta jintuża fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'ikel ipproċessat ibbażat fuq iċċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar u f'ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, f'ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, f'ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 minbarra ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, f'xarbiel ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar, u f'supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tqegħid tiegħu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (9) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità nnutat ukoll li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid kienet ibbażata fuq l-istudji u d-*data* u xjentifiċi dwar il-validazzjoni tal-metodu MS, NMR u HPAEC-PAD u r-riżultati għad-determinazzjoni tal-identità tal-LNT u tal-prodotti sekondarji li huma karboidrati LNT2, pLNH, lattożju, u glukożju/galattożju preżenti fl-ikel il-ġdid, id-deskrizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produttazzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, iċċertifikati ta' depożizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produttazzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, is-sistema qPCR u r-rapporti ta' validazzjoni tal-

⁽⁶⁾ Chr. Hansen 2019 and 2021 (mhux pubblikat).

⁽⁷⁾ Chr. Hansen 2019 and 2021 (mhux pubblikat).

⁽⁸⁾ Chr. Hansen 2020 (mhux pubblikat).

⁽⁹⁾ Chr. Hansen 2021 (mhux pubblikat).

⁽¹⁰⁾ Chr. Hansen 2018 (mhux pubblikat) and Parschat K., Oehme A., Leuschner J., Jennewein S., and Parkot J. 2020. A safety evaluation of mixed human milk oligosaccharides in rats. Food and Chemical Toxicology, 136, 111118.

⁽¹¹⁾ Chr. Hansen 2018 (mhux pubblikat) and Parschat K., Oehme A., Leuschner J., Jennewein S., and Parkot J. 2020. A safety evaluation of mixed human milk oligosaccharides in rats. Food and Chemical Toxicology, 136, 111118.

⁽¹²⁾ Chr. Hansen 2018 and 2021 (mhux pubblikat) and Parschat K., Oehme A., Leuschner J., Jennewein S., and Parkot J. 2020. A safety evaluation of mixed human milk oligosaccharides in rats. Food and Chemical Toxicology, 136, 111118.

⁽¹³⁾ Chr. Hansen 2019 and 2021 (mhux pubblikat) and Parschat K., Oehme A., Leuschner J., Jennewein S., and Parkot J. 2020. A safety evaluation of mixed human milk oligosaccharides in rats. Food and Chemical Toxicology, 136, 111118.

⁽¹⁴⁾ EFSA Journal 2022;20(5):7242.

metodu għar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, it-test reversiv tal-mutazzjoni batterika bl-LNT, it-test *in vitro* tal-mikronukleu taċ-ċelloli tal-mammiferi bl-LNT, l-istudju dwar it-tossiċità orali għad-determinazzjoni tal-firxa tad-doża ta' 7 ijiem fil-firien bl-LNT, u l-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien bl-LNT, li mingħajrhom ma setgħetx tivvaluta l-ikel il-ġdid u tasal għall-konklużjoni tagħha.

- (10) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant biex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq daww l-istudji u d-*data* xjentifiċi u biex jiċċara t-talba tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għalihom f'konformità mal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (11) L-applikant iddikjara li kellu drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għall-istudji u għad-*data* xjentifiċi tal-validazzjoni tal-metodu dwar l-l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid kienet ibbażata fuq id-*data* u l-istudji xjentifiċi dwar il-validazzjoni tal-metodu MS, NMR u HPAEC-PAD u r-risultati għad-determinazzjoni tal-identità tal-LNT u tal-prodotti sekondarji li huma karboidrati LNT2, pLNH, lattożju, u glukożju/galattożju preżenti fl-ikel il-ġdid, id-deskrizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, iċ-ċertifikati ta' depożizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, is-sistema qPCR u r-rapporti ta' validazzjoni tal-metodu għar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, it-test reversiv tal-mutazzjoni batterika bl-LNT, it-test *in vitro* tal-mikronukleu taċ-ċelloli tal-mammiferi bl-LNT, l-istudju dwar it-tossiċità orali għad-determinazzjoni tal-firxa tad-doża ta' 7 ijiem fil-firien bl-LNT, u l-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien bl-LNT skont il-liġi nazzjonali fiż-żmien meta ressqu l-applikazzjoni u li partijiet terzi ma jistgħux jużaw jew jirreferu għal daww id-*data* u studji.
- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha provduta mill-applikant u qieset li l-applikant wera b'mod sostanzjali t-tweġġiq tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, id-*data* u l-istudji xjentifiċi dwar il-validazzjoni tal-metodu MS, NMR u HPAEC-PAD u r-risultati għad-determinazzjoni tal-identità tal-LNT u tal-prodotti sekondarji li huma karboidrati LNT2, pLNH, lattożju, u glukożju/galattożju preżenti fl-ikel il-ġdid, id-deskrizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, iċ-ċertifikati ta' depożizzjoni tar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, is-sistema qPCR u r-rapporti ta' validazzjoni tal-metodu għar-razez ġenetikament modifikati tal-produzzjoni u tad-degradazzjoni fakultattiva tal-LNT u tal-LNnT, it-test reversiv tal-mutazzjoni batterika bl-LNT, it-test *in vitro* tal-mikronukleu taċ-ċelloli tal-mammiferi bl-LNT, l-istudju dwar it-tossiċità orali għad-determinazzjoni tal-firxa tad-doża ta' 7 ijiem fil-firien bl-LNT, u l-istudju ta' 90 jum dwar it-tossiċità orali fil-firien bl-LNT, jenħtieġ li jiġu protetti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed l-LNT fis-suq fl-Unjoni matul perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (13) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-LNT u tar-referenza għall-istudji u għad-*data* xjentifiċi fil-fajl tal-applikant għall-użu tiegħu biss ma twaqqafx lil applikanti sussegwenti milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, dment li l-applikazzjoni tagħhom tissegjes fuq informazzjoni miksuba legalment li tappoġġa t-tali awtorizzazzjoni.
- (14) F'konformità mal-kundizzjonijiet tal-użu ta' supplimenti tal-ikel li fihom l-LNT kif proposti mill-applikant u vvalutati mill-Awtorità, hemm bżonn li l-konsumaturi jiġu infurmati, b'tikketta xierqa, li s-supplimenti tal-ikel li fihom l-LNT jenħtieġ li ma jintużawx jekk fl-istess jum ikun għe kkunsmat ikel ieħor li fih l-LNT miżjud.
- (15) Huwa xieraq li l-inklużjoni tal-LNT prodott b'razez derivattivi tal-*E. coli* BL21(DE3) bħala ikel ġdid fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid ikun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (16) Jenħtieġ li l-LNT prodott minn razez derivattivi tal-*E. coli* BL21(DE3) jiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-latto-N-tetraożju prodott b'razez derivattivi tal-*E. coli* BL21 (DE3) huwa awtorizzat li jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

Il-latto-N-tetraożju prodott b'razez derivattivi tal-*E. coli* BL21 (DE3) għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kumpanija Chr. Hansen A/S ⁽¹⁵⁾ biss hija awtorizzata li tqiegħed fis-suq tal-Unjoni l-ikel ġdid imsemmi fl-Artikolu 1, għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Jannar 2023, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel ġdid mingħajr referenza għad-*data* xjentifika protetta skont l-Artikolu 3 jew bi qbil ma' Chr. Hansen A/S.

Artikolu 3

Id-*data* xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283 ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr qbil ma' Chr. Hansen A/S.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁵⁾ Indirizz: Bøge Allé 10-12, 2970 Høersholm, id-Danimarka.

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-data
“Latto-N-tetraożju (“LNT”) (prodott minn razez derivattivi ta’ E. coli BL21 (DE3))	<i>Kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi (espressi bħala latto-N-tetraożju)</i>	Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dak l-ikel għandha tkun “latto-N-tetraożju”. It-tikkettar tas-supplimenti tal-ikel li fihom il-latto-N-tetraożju (LNT) għandu jkollu dikjarazzjoni li (a) jenħtieġ li ma jiġux ikkuns-mati minn tfal taħt it-3 snin; (b) jenħtieġ li ma jintużawx jekk ikel ieħor li fih il-latto-N-tetraożju miżjud jiġi kkunsmat fl-istess jum.		Awtorizzat nhar l-24.1.2023. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza u data xjentifiċi proprjetarji protetti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283. Applikant: “Chr. Hansen A/S”, Boege Allé 10-12, 2970 Hoersholm, id-Danimarka. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-data, l-ikel ġdid latto-N-tetraożju huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn “Chr. Hansen A/S” biss, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad-data xjentifika proprjetarja u protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi ftehim ma' “Chr. Hansen A/S”. Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-data: 24.1.2028.”
	Formula tat-trabi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	1,82 g/L fil-prodott finali lest biex jiġi kkonsmat, ikkumerċjalizzat tali kwali jew biex jiġi rikostitwit skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur			
	Formula tal-prosegwiment kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	1,82 g/L fil-prodott finali lest biex jiġi kkonsmat, ikkumerċjalizzat tali kwali jew biex jiġi rikostitwit skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur			
	Ikel ipproċessat u ikel tat-trabi abbażi taċ-ċereali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	1,82 g/L jew 1,82 g/kg fil-prodott finali lest biex jiġi kkonsmat, ikkumerċjalizzat tali kwali jew biex jiġi rikostitwit skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur			
	Xarbiet magħmulin mill-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar	1,82 g/L fil-prodott finali lest biex jiġi kkonsmat, ikkumerċjalizzat tali kwali jew biex jiġi rikostitwit skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur			
	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	F'konformità mar-rekwiżiti nutrizzjonali partikolari tat-trabi u tat-tfal żgħar li għalihom huma maħsuba l-prodotti iżda fi kwalunkwe każ mhux ogħla minn 1,82 g/L jew 1,82 g/kg fil-prodott finali lest għall-użu, ikkumerċjalizzat bħala tali jew rikostitwit skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.			

	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, minbarra l-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar	F'konformità mal-bżonnijiet nutrizzjonali partikolari tal-persuni li għalihom huma maħsubin il-prodotti			
	Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, maħsubin għal popolazzjoni ġenerali, minbarra t-trabi u t-tfal żgħar	4,6 g kuljum			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika:

Ikel għid awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
“Latto-N-tetraożju (“LNT”) (prodott minn razze derivattivi ta’ <i>E. coli</i> BL21 (DE3))	Deskrizzjoni: Il-latto-N-tetraożju huwa trab ippurifikat u kkonċentrat ta’ lewn li jkangì minn abjad sa abjad miksuri li jiġi prodott permezz ta’ proċess ta’ fermentazzjoni mikrobjali. Definizzjoni: Isem kimiku: β-D-Galattopiranosil-(1 $\rightarrow$ 3)-2-aċetammido-2-deossi-β-D-glukopiranożil-(1 $\rightarrow$ 3)-β-D-galattopiranożil-(1 $\rightarrow$ 4)-D-glukopiranożju Formula kimika: $C_{26}H_{45}NO_{21}$ Nru CAS: 14116-68-8 Massa molekolari: 707,63 Da Sors: Żewġ razze ġenetikament modifikati (razza tal-produzzjoni u razza tad-degradazzjoni fakultattiva) tal-<i>Escherichia coli</i> BL21 (DE3) Karatteristiċi/Kompożizzjoni: Latto-N-tetraożju (% tal-materja niexfa): $\geq 75,0$ % (w/w) D-Lattożju (% tal-materja niexfa): $\leq 5,0$ % (w/w) Latto-N-triożju II (% tal-materja niexfa): $\leq 5,0$ % (w/w) Para-latto-N-eżaożju (% tal-materja niexfa): $\leq 5,0$ % (w/w) D-galattożju u D-glukożju (% tal-materja niexfa): $\leq 5,0$ % (w/w) Is-somma tal-karboidrati l-oħra: $\leq 15,0$ % (w/w) Indewwa: $\leq 9,0$ % (w/w) Irmied: $\leq 1,0$ % (w/w) Proteina residwa: $\leq 0,01$ % (w/w) Metalli tqal u kontaminanti: Arseniku: $\leq 0,2$ mg/kg Aflatossina M1: $\leq 0,025$ μg/kg

Kriterji mikrobijoloġiċi:Għadd tal-kolonji standard: $\leq 1\,000$ CFU/gEnterobacteriaceae: ≤ 10 CFU/g*Salmonella* spp.: Assenza f'25 gHmira u moffa: ≤ 100 CFU/g*Cronobacter* (*Enterobacter*) *sakazaki*: Assenza f'10 gEndotossini residwi: ≤ 10 EU/mg^a Somma ta' karboidrati oħra = 100 % (w/w) tal-materja niexfa) – karboidrati kwantifikati (% (w/w) tal-materja niexfa) — Rmied (% (w/w) tal-materja niexfa). CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li jiffurmaw il-Kolonji); EU: Endotoxin Units (Unitajiet ta' Endotossini)”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/8

tat-3 ta' Jannar 2023

dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 868/2011, (UE) Nru 1111/2011 u (UE) Nru 227/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu tal-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu tal-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti u għat-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni.
- (2) Il-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, preċedentement identifikat tassonomikament bħala *Lactobacillus plantarum* (DSM 21762), tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236, preċedentement identifikat tassonomikament bħala *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 ġew awtorizzati għal perjodu ta' 10 snin bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 868/2011 ⁽²⁾, (UE) Nru 1111/2011 ⁽³⁾ u (UE) Nru 227/2012 ⁽⁴⁾, rispettivament.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġew ippreżentati applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, b'talba li l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi". Ma' din l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 14(2) ta' dak ir-Regolament.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ('l-Awtorità') ikkonkludiet fl-opinjonijiet tagħha tal-5 ta' Mejju 2021 ⁽⁵⁾, tas-26 ta' Jannar 2022 ⁽⁶⁾ u tat-23 ta' Marzu 2022 ⁽⁷⁾ li l-applikanti pprovdew evidenza li l-addittivi huma konformi mal-kundizzjonijiet eżistenti tal-awtorizzazzjoni. L-Awtorità kkonkludiet li l-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 ma għandhomx effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-sikurezza tal-konsumatur jew l-ambjent. Ikkonkludiet ukoll li l-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 jenħtieġ li jitqies bħala sensitizzatur respiratorju, iżda ma tista' ssir l-ebda konklużjoni dwar is-sensitizzazzjoni tal-ġilda u l-potenzjal tiegħu li jkun irritant għall-għajnejn u għall-ġilda, filwaqt li l-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 jenħtieġ li jitqies bħala sensitizzatur respiratorju u tal-ġilda, iżda ma tista' ssir l-ebda konklużjoni dwar il-potenzjal tiegħu li jkun irritant għall-ġilda u għall-għajnejn. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762 mhuwiex irritant għall-ġilda u għall-għajnejn iżda huwa meġjus bħala sensitizzatur respiratorju u tal-ġilda. Il-laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea (EURL) qies li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet milħuqa fil-valutazzjoni preċedenti dwar il-metodi ta' analiżi użati għall-kontroll tal-aġenti tal-għalf tal-annimali huma validi u applikabbli għall-applikazzjonijiet attwali.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 868/2011 tal-31 ta' Awwissu 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (DSM 21762) u tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus buchneri* (DSM 22963) bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha (ĠU L 226, 1.9.2011, p. 2).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1111/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 30).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 227/2012 tal-15 ta' Marzu 2012 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30117) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 77, 16.3.2012, p. 8).

⁽⁵⁾ EFSA Journal 2021;19(5):6613.

⁽⁶⁾ EFSA Journal 2022;20(3):7149.

⁽⁷⁾ EFSA Journal 2022;20(4):7243.

- (5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni ta' daww l-addittivi tiġġedded.
- (6) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi biex jipprevjenu l-effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittivi. Daww il-miżuri protettivi jenħtieġ li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ħaddiema.
- (7) B'konsegwenza tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 868/2011, (UE) Nru 1111/2011 u (UE) Nru 227/2012 jenħtieġ li jitħassru.
- (8) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117, huwa xieraq li jingħata perjodu tranżitorju biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mit-tiġdid tal-awtorizzazzjoni.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-awtorizzazzjoni tal-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness, li jaqgħu fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u l-grupp funzjonali "addittiv tas-silaġġ", hija mġedda soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

1. Il-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 kif speċifikat fl-Anness u t-taħlitiet lesti li jkun fihom minnhom, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel l-24 ta' Lulju 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-24 ta' Jannar 2023 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fis-suq u jintużaw sa ma jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li jkun fihom il-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 kif speċifikat fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel l-24 ta' Jannar 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-24 ta' Jannar 2023 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fis-suq u jintużaw sa ma jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. Il-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li jkun fihom il-preparazzjonijiet tal-*Lactiplantibacillus plantarum* DSM 21762, tal-*Lactiplantibacillus plantarum* NCIMB 30236 u tal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30117 kif speċifikat fl-Anness li jiġu prodotti u ttikkettati qabel l-24 ta' Jannar 2025 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-24 ta' Jannar 2023 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fis-suq u jintużaw sa ma jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 868/2011, (UE) Nru 1111/2011, u (UE) Nru 227/2012 jitħassru.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ								
1k2071	Lactiplantibacillus plantarum DSM 21762	Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni tal-Lactiplantibacillus plantarum DSM 21762 li jkun fiha minimu ta' 5 × 10 ¹¹ CFU/g ta' addittiv. Għamla solida	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10 ⁸ CFU/kg ta' materjal verġni. 3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u l-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda u tan-nifs.	L-24 ta' Jannar 2033
		Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Ċelloli vijabbli tal-Lactiplantibacillus plantarum DSM 21762.						
		Metodu analitiku ⁽¹⁾ — Enumerazzjoni: Metodu tat-tferriġh: EN 15787 — Identifikazzjoni: Elettroforeżi fuq ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA						

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU ta' addittiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ								
1k2073	Lactiplantibacillus plantarum NCIMB 30236	Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni tal-Lactiplantibacillus plantarum NCIMB 30236 li jkun fiha minimu ta' 1,2 × 10 ¹¹ CFU/g ta' addittiv Għamla solida	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 2,4 ×10 ⁸ CFU/kg ta' materjal verġni. 3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġhmira ta' protezzjoni personali, inkluż bil-protezzjoni tal-għajnejn, tal-ġilda, u tan-nifs.	L-24 ta' Jannar 2033
		Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Ċelloli vijabbli tal-Lactiplantibacillus plantarum NCIMB 30236						
		Metodu analitiku ⁽¹⁾ Enumerazzjoni tal-Lactiplantibacillus plantarum NCIMB 30236 fl-addittiv tal-għalf: — metodu tat-tifrix (EN 15787) Identifikazzjoni tal-Lactiplantibacillus plantarum NCIMB 30236: — Elettroforeżi fuq ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA						

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU ta' addittiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija: addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ								
1k2083	Lactococcus lactis NCIMB 30117	Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni tal-Lactococcus lactis NCIMB 30117 li jkun fiha addittiv minimu ta' 5×10^{10} CFU/g Għamla solida Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Ċelloli vijabbli tal-Lactococcus lactis NCIMB 30117 Metodu analitiku ⁽¹⁾ L-enumerazzjoni fl-addittiv fl-għalf: — il-metodu tat-tferrigħ bl-użu tal-MSR agar (ISO 15214) Identifikazzjoni: — Elettroforeżi fuq ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr kombinament ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittiv tas-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg ta' materjal verġni. 3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta daww ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir ta' protezzjoni personali, inkluż bil-protezzjoni tal-għajnejn, tal-ġilda, u tan-nifs.	L-24 ta' Jannar 2033

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/9

tal-20 ta' Diċembru 2022

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri

(notifikata bid-dokument C(2022) 9934)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1)(c), tiegħu,

Billi:

- (1) L-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (HPAI) hija marda virali infettiva fl-għasafar u tista' tħalli impatt serju fuq il-profittabilità tat-trobbija tal-pollam li jikkawża tfixkil lill-kummerċ fl-Unjoni u tfixkil fl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Il-viruses HPAI jistgħu jinfettaw lill-għasafar migratorji u dawn imbagħad jistgħu jinxterdu fuq distanzi twal waqt il-migrazzjonijiet tagħhom fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Għalhekk, il-preżenza tal-viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-viruses fl-istabbilimenti fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq. Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirex fi stabbilimenti oħra fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġislativ għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI tidħol fid-definizzjoni ta' marda elenkata f'dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, inkluż il-miżuri għall-kontroll tal-mard għall-HPAI.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641⁽³⁾ ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi l-miżuri ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni b'rabta mat-tifqigħat tal-HPAI.
- (4) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti l-oħrajn stabbiliti mill-Istati Membri wara t-tifqigħat tal-HPAI, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti oħrajn fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 tas-16 ta' April 2021 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 166).

- (5) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 ġie emendat dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2420 (*) wara tifqigħat tal-HPAI fil-pollam jew fl-għasafar miżmuma fil-magħluq, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fi Franza, fl-Italja, fl-Ungerija u fin-Netherlands li kienu jeħtieġu jiġu riflessi f'dak l-Anness.
- (6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2420, il-Ġermanja, Franza, l-Italja u l-Ungerija nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ulterjuri tal-HPAI fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq, li jinsabu f'Nordrhein-Westfalen, Schleswig-Holstein, is-Sassonia-Anhalt, Thüringen, is-Sassonia, is-Sassonia t'Isfel fil-Ġermanja, fir-reġjuni amministrattivi Nouvelle-Aquitaine u Pays de la Loire fi Franza, fir-Reġjuni tal-Lombardija u tal-Veneto fl-Italja u fil-Kontej ta' Bács-Kiskun u Csongrád-Csanád fl-Ungerija.
- (7) Barra minn hekk, iċ-Ċekja, Ċipru u l-Polonja infurmaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq, li jinsabu fir-Reġjuni tal-Bohemia Ċentrali u tan-Nofsinar tal-Bohemia fiċ-Ċekja, fid-Distrett ta' Ammochostos f'Ċipru u fil-provinċja ta' Opolskie fil-Polonja.
- (8) L-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċekja, tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Italja, ta' Ċipru, tal-Ungerija u tal-Polonja ħadu l-miżuri neċessarji għall-kontroll tal-mard meħtieġa f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fosthom l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar daww it-tifqigħat.
- (9) Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti ta' Franza ddeċidiet li tistabbilixxi żoni ristretti oħrajn minbarra ż-żoni ta' protezzjoni u ż-żoni ta' sorveljanza stabbiliti għal ċerti tifqigħat li jinsabu f'dak l-Istat Membru.
- (10) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri ta' kontroll tal-mard meħuda miċ-Ċekja, mill-Ġermanja, minn Spanja, minn Franza, min-Netherlands u mill-Polonja f'kollaborazzjoni ma' daww l-Istati Membri u sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fi Franza, fl-Italja, f'Ċipru, fl-Ungerija u fil-Polonja, stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ta' daww l-Istati Membri jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-istabbilimenti fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat reċenti tal-HPAI.
- (11) Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641, bħalissa ma hemmx żoni elenkati bħala żoni ta'protezzjoni u ta' sorveljanza fiċ-Ċekja, f'Ċipru u fil-Polonja.
- (12) Biex ikun evitat it-tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u l-impożizzjoni ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, hemm bżonn li b'kollaborazzjoni maċ-Ċekja, mal-Ġermanja, ma' Franza, mal-Italja, ma' Ċipru, mal-Ungerija u mal-Polonja, jiġu deskritti minnufih u fil-livell tal-Unjoni, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti kif xieraq minn dawn l-Istati Membri f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, kif ukoll iż-żoni ristretti ulterjuri stabbiliti minn Franza.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu emendati ż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għall-Ġermanja, għal Franza, għall-Italja u għall-Ungerija, kif ukoll fiż-żoni ristretti l-oħrajn għal Franza fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641.
- (14) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu elenkati ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għaċ-Ċekja, għall-Ċipru u għall-Polonja fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641.
- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 jiġi emendat biex tiġi aġġornata r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jitqiesu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti kif xieraq miċ-Ċekja, mill-Ġermanja, minn Franza, mill-Italja, minn Ċipru, mill-Ungerija u mill-Polonja u miż-żoni ulterjorment restritti stabbiliti kif xieraq minn Franza, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u d-durata tal-miżuri applikabbli fihom.
- (16) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tiġi emendata skont dan.

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2420 tal-1 ta' Diċembru 2022 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 318, 12.12.2022, p. 9).

- (17) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni rigward it-tixrid tal-HPAI, huwa importanti li l-emendi li għandhom isiru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 b'din id-Deċiżjoni, isiru effettivi kemm jista' jkun malajr.
- (18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX

Parti A

Żoni ta' protezzjoni fl-Istati Membri kkonċernati* kif imsemmi fl-Artikoli 1 u 2:

Stat Membru: Iċ-Ċekja

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
<i>South Bohemian Region</i>		
CZ-HPAI(P)-2022-00011	Frahelž (686689); Klec (666009); Lomnice nad Lužnicí (686697); Lužnice (689459); Kolence (706981); Ponědraž (725617); Ponědražka (725625); Val u Veselí nad Lužnicí (776131); Záblatí u Ponědraže (725633).	23.12.2022
CZ-HPAI(P)-2022-00015	Bošilec (608572); Lhota u Dynína (634271); Frahelž (686689); Klec (666009); Lomnice nad Lužnicí (686697); Ponědraž (725617); Ponědražka (725625); Val u Veselí nad Lužnicí (776131); Horusice (644978); Záblatí u Ponědraže (725633)	1.1.2023
<i>Central Bohemian Region</i>		
CZ-HPAI(P)-2022-00012 CZ-HPAI(P)-2022-00013 CZ-HPAI(P)-2022-00014 CZ-HPAI(P)-2022-00016	Herink (627666); Hrusice (648655); Lensedly (662186); Štířín (662496); Čenětice (676543); Křížkový Újezdec (676551); Dolní Lomnice u Kunic (677213); Kunice u Říčan (677230); Všešimý (677256); Mirošovice u Říčan (695475); Božkov u Mnichovic (697532); Mnichovice u Říčan (697541); Myšlín (697559); Modletice u Dobřejovic (627682); Ondřejov u Prahy (711276); Třemblat (770612); Turkovice u Ondřejova (711284); Pětihosty (747491); Petříkov u Velkých Popovic (720411); Radimovice u Velkých Popovic (720429); Chomutovice u Dobřejovic (627674); Popovičky (627704); Kovářovice (737038); Olešky (737470); Radějovice (737488); Jazlovce (745537); Senohraby (747505); Otice u Svojsovic (761460); Předboř u Prahy (734225); Všechromy (787094); Velké Popovice (779342)	2.1.2023

Stat Membru: Il-Ġermanja

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
BRANDENBURG		
DE-HPAI(NON-P)-2022-01306	Landkreis Prignitz beginnend im Norden an der Kreisgrenze zum Landkreis Ludwigslust-Parchim an der B 103, der Kreisgrenze in Richtung Osten und Südosten folgend bis zur L 154, der L 154 in Richtung Halenbeck folgend bis Halenbeck, in Halenbeck entlang der Pritzwalker Straße bis zur L 155, der L 155 in Richtung Brügge folgend bis Brügge, in Brügge entlang der Hauptstraße in Richtung Brügge Ausbau, Brügge Ausbau durchquerend bis zur Kreuzung mit der B 103, der B 103 in Richtung Norden folgend bis zum Ausgangspunkt an der Kreisgrenze zum Landkreis Ludwigslust-Parchim	23.12.2022
DE-HPAI(NON-P)-2022-01323	Landkreis Prignitz beginnend an der Kreisgrenze zum Landkreis Ludwigslust-Parchim an der L 14, der L 14, Jännersdorf einschließend, in Richtung Südosten folgend bis zum Fluss Stepenitz. dem Lauf der Stepenitz in Richtung Südwesten und Süden folgend bis zum Durchlass Weitendorfer Chaussee, der Weitendorfer Chaussee folgend bis zur L 13, der L 13 nach Westen über die Autobahn 24 folgend, dann weiter in Richtung Südwesten bis Putlitz Kreuzung Meyenburger Chaussee – Philipphshof, der Straße Philipphshof in Richtung Westen bis zur Parchimer Chaussee folgend, der Parchimer Chaussee, übergehend in die L 111 in Richtung Nordwesten, die A 24 überquerend, bis zur Kreisgrenze folgend, der Kreisgrenze in Richtung Westen, später in Richtung Norden, folgend bis zum Ausgangspunkt an der L 14 an der Kreisgrenze zum Landkreis Ludwigslust-Parchim	28.12.2022
HESSEN		
DE-HPAI(NON-P)-2022-01324	Landkreis Marburg-Biedenkopf 3 km Radius um den Ausbruchsbetrieb GPS Koordinaten: 8.407272/50.928777 Betroffen sind Teile der Gemeinden Biedenkopf und Breidenbach	27.12.2022
DE-HPAI(NON-P)-2022-01351	Landkreis Waldeck-Frankenberg 3 km Radius um den Ausbruchsbetrieb GPS Koordinaten: 8.899840 51.153197 Betroffen sind Teile der Gemeinden Vöhl, Frankenau	4.1.2023
DE-HPAI(NON-P)-2022-01334	Landkreis Waldeck-Frankenberg 3 km Radius um den Ausbruchsbetrieb GPS Koordinaten: 8.512425 51.093585 Betroffen sind Teile der Gemeinden Bromskirchen, Battenberg (Eder)	29.12.2022

MECKLENBURG-VORPOMMERN

DE-HPAI(NON-P)- 2022-01323	Landkreis Ludwigslust-Parchim 3 km Radius um den Ausbruchsbetrieb mit den GPS Koordinaten 12.041500, 53.309565. Betroffen ist die Gemeinde Ruhner Berge mit den Orten und Ortsteilen: Drenkow.	28.12.2022
-------------------------------	--	------------

NIEDERSACHSEN

DE-HPAI(NON-P)- 2022-01325	Landkreis Rotenburg (Wümme) 3 km Radius um den Ausbruchsbetrieb GPS-Koordinaten 9.263337/53.143515 Betroffen sind Teile der Gemeinden Reeßum, Horstedt, Rotenburg (Wümme), Böttersen, Hassendorf und Sottrum	2.1.2023
-------------------------------	---	----------

NORDRHEIN-WESTFALEN

DE-HPAI(P)- 2022-00092	Stadt Bielefeld 3 km Radius um den Ausbruchsbetrieb (GPS-Koordinaten 8.495170/51.964723) Betroffen sind Teile: — der Stadt Bielefeld	23.12.2022
